# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Jeffrey Wismayer**

**Illum: 4 ta' Dicembru, 2023**

**Kollizzjonijiet**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Jeffre Wismayer ID 153070 (M) iben Philip Wismayer u Catherine nee Tabone imwieled fil-3/4/1970 u joqghod 16, Triq l-Ghasfura Zebbug talli fl-20 ta' Frar, 2020 ghall-habta ta' 18:35 hrs go Triq il-Kanun, St Venera Naxxaru talli soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCB439.

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni , jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni , jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Neil Grima skond kif iccertifika Dr Ryan Camilleri MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap 9 Art 226 (1) (c), LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18. sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li Dr Mario Scerri gie nominat sabiex jezamina lil Neil Grima u ezebixxa Dok MS.

Semghet x-xhiedha kollha prodotti mil-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Neil Grima xehed hekk :</u>**

Avukat: Mela Sur Grima nimmagina taf fuqiex qieghed hawnekk kien hemm accident tista tispjegalna meta sar u kif sar l-accident u x`garalek?

Xhud: Dak sar fi Frar fil-21 kont qieghed Fleur de Lys u kont qed inqassam ix-xoghol ipparkjajt mal-genb hrigt ix-xoghol u kif qednaqsam fuq iz-zebra crossing kont wasalt f`nofsha rajt id-dawl gej fuqi u saqajja qbizt fuq il-bonnet tal-karozza umbaghad spiccajt ma l-art.

Avukat: Mela iz-zona fejn kont qed taqsam inti forsi tiftakar x`road markings kien hemm ma l-art jew le?

Xhud: Taz-Zebra Crossing.

Avukat: Issa ahna ma konniex hemm il-Qorti ma kienetx hemmekk tista tispjega ftit fid-dettal izjed l-incident kif gara inti x`ghamilt?

Xhud: Jien meta ipparkjat minn gol-karozza hrigt mort fuq in-naha tal-passigier u ipparkjajt quddiem iz-zebra crossing kien hemm kaxxa hrigt minn gol-karozza hrigt l-affarijiet minn naha tal-passiggier u harist li mhu gej hadd qed naqsam iz-zebra crossing f`daqqa wahda kif wasalt f`nofsha  rajt dawl fuq saqajja gej fuq saqajja u lmaht li

gejja karozza fuqi q    bizt fuq il-karozza u spiccajt tirt ghall ma l-art.

Avukat: Tajjeb issa dak il-hin inti kellmek xi hadd kellimt lil xi hadd?

Xhud: umbaghad hargu in-nies li kelli ntihom ix-xoghol bdew jieqfu l-karozzi naf li beda jkellimni wiehed u ha l-mobile u cempel l-ambulanza  ghax b`saqajja dak il-hin lanqas bdejt niehu nifs bid-daqqa li hadt u lanqas stajt inqum bil-wieqfa u nimxi.

Avukat: Issa l-isptar umabaghad x`kienu qalulek?

Xhud: L-isptar l-ewwel qaluli li carrat il-mussel ta` dahri umbaghad bdejt inhoss l-ugigh in-naha ta` quddiem u li kelli zewg kustilji ohra miksurin.

Avukat: Orajt u x`trattamenti inaghtajt?

Xhud: Tawni il-medicini tawni l-injections u tawni xi pirmli habba l-ugigh umbaghad bdejt immur ghal-osservazzjoni u sabu anki nervituri minn dahri intlaqtu.

Avukat: Issa bhala follow ups tista tispjegalna x`kien hemm mill-ghadd mediku u jeekk hemm xi interventi ?

Avukat: Qed nitkellmu sur Magistrat fuq incident mhux fuq l-aspett medik

Avukat: Fuq feriti

Qorti: Heq irridu nkunu nafu x`inhuma l-feriti ifhimni, jekk mhux ha jkun hemm qbil fuq feriti ta griehi ta` natura hafifa irridu nergu nigu darba ohra.

Avukat: Inti kien hemm xi follow ups medici?

Xhud: Umbaghad bqajt immur u ghamluli l-MRI u ghamluli l-X-Rays u sabu di l-id mad-daqqa stess carrat marruli n-nervituri hawnekk infatti ghamluli go l-ewwel wahda qeghda fuq il-palma ta idi ghax marruli dawn is-swaba dan gieni trigger finger.

Qorti: Dan mhux natura hafifa,

Avukat: Le kien hemm is-…. u,

Xhud: Ghadni ghaddej u qed nistenna biex jaghmluli operazzjoni f`ghonqi habba is-slip discs.

Qorti: Xi hadd irid jghidli fuq din tat-trigger finger u ghax dik mhux natura hafifa.

Avukat: Le mhijiex.

Mela b`zieda ma li xehedt l-ahhar darba inti l-ugiegh f`ghonqok bejn wiehed u iehor minn meta tiftakar bdejt thossu?

Xhud: Qiu wara xahar tad-daqqa bdejt inhoss qisni gbidt hawnekk umbaghad mort ghand il-professur Briffa u ordanli l-MRI.

Avu: U kien operak?

Xhud: Li kien operani … … qalli dan bid-daqqa stess qalli … tn-nervituri.

Avu: Daqsekk sinjura.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Dak in-nhar tal-incident x`karozza kellek fil-pusess tieghek?

Xhud: Peugeot Junior.

Avu2: Ha norik dar-ritratt uikkonfermali ikkonfermali jekk il-karozza tieghek kientex ipparkjata kif muri fir-ritratt?

Qorti: Min ha jikkonferma dak-ir-ritratt?

Avu2: L-imputat stess, il-karozza tax-xoghol.

Avu2: Ha norik dar-ritratt ukoll ghax iktar car u ara jekk tarafx il-karozza tieghek fir-ritratt u immarkali?

Xhud: Ijja.

Avu2: Inti kont ipparkjat preciz mal-pedestrian crossing maz-zebra crossing hux hekk?

Xhud: Ijja, issa jien ix-xoghol hrigtu minn naha l-ohra tal-passiggier u hrigt minn wara tal-karozza.

Avu2: Jiena ghadni ma saqsejtekx dik id-domanda, mela inti dak in-nhar kellek deliver hux hekk?

Xhud: Ijja u fejn kienet id-delivery?

Xhud: Faccata ta` quddiem iz-zebra crossing.

Avu2: Sewwa u allura inti ridt taqsamit-triq hux hekk?

Xhud: Ijja.

Avu2: Inti fejn kont qabel ma iddecidejt taqsam it-triq igifieri qabel ma accertajt ruhhek li makienx hemm traffiku?

Xhud: Wara l-karozza.

Avu2: Wara l-karozza u f`liema mument iddecidejt li kienet clear ghalik li taqsam?

Xhud: Kif kienet vojta it-triq.

Avu2: It-triq kienet vojta igifieri ma kienx hemm karozzi gejjin la minn naha tax-xellug tieghek u lanqas minn naha tal-lemin tieghek hux hekk qed tghidli?

Qorti: Qed naqbli li f`JW1 kienet il-larozza tieghek hux hekk?

Xhud: Ijja.

Avu2: Tiegehk DAH 749 hux hekk li kienet ipparkjata?

Xhud: Ijja.

Qorti: Jaghmel salib fuqha ukoll.

Avu2: Ha norik dar-ritratt u f`dak ir-ritratt inti tidher fiha immarka biex il-Qorti tkun taf fejn inti tidher f`dak ir-ritratt li qed norik.

Xhud: Hawnekk.

Avu2: Igifieir ghall-ahhar ritratt qed naghmel referenza jigifieri inti kemm kont il-boghod imbiegehd mil-karozza tieghek ipparkjata nkun qed nghid sew metru?

Qorti: Ifhimni jien ma nippretendix li jkun jaf wara li intlaqat imma qed nahseb jien qed nassumi fejn qed jidhru huma qed jikkurawk meta ikkurawk hemm kont?

Xhud: Ehe, bid-daqqa li tani tefghani hemmekk.

Avu2: Ara jekk nghidx sew minn mindu qbadt l-pedestrian crossing u l-pedestrian crossing tibda mil-lemin tal-karozza tieghek,

Qorti: Inti il-vettura kienet gejja minn naha fejn kont ipparkjat int jew?

Xhud: Minn naha ta` wara tal-karozza kient gejja.

Qorti: Minn naha fejn kont ipparkjat int jew minn naha l-ohra?

Xhud: Minn naha tal-karozza tieghi ehe.

Qorti: Inti qed taraf xi vettura li laqtitek f`dak ir-ritratt?

Xhud: Il-karozza li tajjritni minn fuq iz-zebra crossing.

Qorti: Ghamel salib ukoll fuqu, liem wahda tajjritek blu cara jew din qisa sewda?

Xhud: Tan-naha tieghi sinjura tan-naha tal-karozza tieghi li tielgha l`fuq li qabbzet iz-zebra crossing.

Avu2: Mela inti qed tghidilna fix-xhieda tieghek issa ghadek kemm ghedt inti li inti meta kont fuq il-pedestrian crossing lest biex taqsam harist fuq il-lemin u fuq xellug u ma rajt ebsa karozza u inti mxejt ftit passi fuq il-pedestrian crossing kif tispjega li l-karozza laqtitek fil-posizzjoni li hemm fir-ritratt?

Xhud: Ghax kif rajt id-dawl gej fuq saqajja qbizt u gejt fuq il-bonnet tieghu u tajjarni in-naha l-ohra.

Avu2: Il-karozza lilaqtitek inti taf ghamiltiliex hsara?

Xhud: Le ma nafx, baghttuli b`ittra li qe tfittxuni tal-hsara tal-karozza.

Avu2: Ok xejn iktar sinjura.

Qorti: Ri Ezami?

Avu: Mistoqsija wahda sinjur inti laqqtitek il-karozza maz-zebra crossing kif ghedtilna u anki kif qed jidhru fir-ritratti illi rajna fl-awla mil-mument li inti intlaqatt mil-karozza sa ma ittihidt umbaghad mil-paramedici x`kont qieghed taghmel u fejn kont qieghed?

Xhud: Ma stajtx nimxi ma stajtx nimxi kont ma l-art u ikkurawni ma l–art.

Qorti: Jien qed nifehm liintlaqatt miz-zebra crossing umbaghad bezqek il-quddiem?

Xhud: Iva ezatt.

**<u>Dr. Mario Scerrixehed hekk :</u>**

Xhud: Dana buon ta` din il-Qorti ezaminajt lil Neil Grima ippruvajt nezaminah diversi drabi fl-ahhar gie u ezaminajtu nhar l-4 ta` Mejju 2023 dan allega li ntlaqat minn vettura nhar it-22 ta` Frar 2020 waqt li kien qieghed jaqsam fuq il-pedestrian crossing fi triq Fluer De Lys B`Kara ghalhabta tas-6.30 ta` fil-ghaxija dan iddahhal fi Sptar Mater Dei jilmenta minn ugiegh fil-lambar region tal-lemin gie ezaminat mit-tobba u mibghut id-dar baqa` mugugh 3 jiem wara rega mar hadulu X-Ray hu qal li sabulu fratturi ta` zewg kustilji jien fittixt kullimkien u dawn il-fratturi ma sibthom imkien ftit xhur wara l-ahhar ezami ta` MRI ta` ghonqu ir-raguni li beda jhossu ugiegh f`ghonqu dana wara li kellu discopathy li wara xi gimgha zmien bejn CC5 u CC6 u kien hemm protlution minn C4 sa C5 dan jista jkun whiplash injury pero whiplash injury iggib maghha ugiegh instantanju u qawwi u meta dahal l-isptar,

Qorti: Igifieri dan li qed tghidli m`ghandekx certezza li kenet rizultat ta` incident?

Xhud: Ma jirrizultax sinjura.

Qorti: Gifieri ta natura hafifa?

Xhud: Ta` natura hafifa u umbaghad semmieli li ghamel l-operazzjoni tal-carple … ftit xhur wara m`gahndiex x`taqsam mal-incident.

Qorti: Ha tezebixxi DOK MS.

Avu: Mela dottore Scerri ha nitolbok telabora daqxejn zghira izjed fid-dettal fuq il-kwistjoni tal-whiplash injury o meno igifieri bla ma nkun wisq dirett minn dak illi rajt inti tal-pazjent u minn dak ir-dokumentazzjoni medika tal-file?

Xhud: Jiena  gibt CT Scans lura minn snin qabel u anki wara mela ha nibdew rigward l-allegazzjoni tal-fartturi tal-kustilji m`hemmx evidenza issa ftit xhur wara MRI il-ghaliex kien qed ikollu numbness f`idejh u ugiegh lambar region dana wera illi kien hemm a discopathy bejn C5 C6 degeneration igifieri dik tigi bl-eta u maz-zmien pero bejn C4 u C5 kien hemm bulge tal-pulposum ta tip tal-cushion vejn l-irkiekel dik tista tkun rizulatat ta whiplash injury pero whiplash injury iggib maghha ugiegh qawwi u insatantanju u meta dahal l-isptar wara l-incident dan fl-ebda hin ma ilmenta li kellu ugiegh f`ghonqu l-ugeigh li kellu kien fuq lambar region.

Qorti: Igifieri inti rajtu ikkostatajt dan fl-4 ta` Mejju?

Xhud: Iva.

Qorti: Igifieri qed nitkellmu 3 snin wara,

Xhud: Le imma jiena mort lura umbagahd l-X-Rays u l-MRI ittiehed xhur wara.

Qorti: Min hemm ma irruzultalekx?

Xhud: Le, pero jekk inharsu lejn X-Rays hemm diversi drabi mar ghall-X-Rays ta` qaddu  u X-Ray ta sidru anka ghall-CT Scan tal-qalb mar il-ghaleix dan gieli waqa` gieli habat imma u dejjem ittiehdulu X-Ray imma f`dan kaz importanti.

Avu: Issa fl-gharfien u fl-esperjenza kbira tieghek fil-qasam huwa possibbli illi il-griehi u l-ugiegh irrelatati mal-whiplash ma johorgux immedjatament ma l-incident u maz-zmien?

Xhud: Whiplash ikollok ugiegh u spasm ta` ghonqok spasm tal-muscle twegga u ma tistax iccaqlaq dak huwa whiplash dan meta dahal l-isptar qatt ma kellu dawn l-affarijiet.

Avu; Il-mistoqsija tieghi whiplash il-konsegwenza tieghu huma bilfors istantanji jew jistghu johorgu maz-zmien?

Xhud: Istantanji ugiegh qawwi maz-zmien jekk johodlok MRI dak il-hin li ma ttihidx gahx dana qatt ma ilmenta kont tarah il-prolaps tad-discs mma dana l-MRI ittiehed xhur

meta beda jilmenta minn amness f`idejh dana wera li kien hemm bulging pero ma tisatx taqdu ma dak il-kaz ghax meta dahal l-isptar ilmenta b`kollox imbarra ugiegh f`ghonqu.

Avu: Imma illum konstat ta fatt il-prolaps tad-disc tirrizulta?

Xhud: Imma l-prolaps tad-disc niftakkru li C4 C5 C6 kien hemm degeneration tal-irkiekel jista jkun ikun mil-istess process jiena fil-konkluzzjoni qieghed possibbli pero mhuwiex probabbli.

Avu: Ghall-kull buon fini nirriserva.

**Jeffrey Wismayer xehed hekk**

Qorti: Ha jezebixxi DOK JW u DOK JW1.

Avu2: Tista tikkonferma dawk ir-ritratti u min hadhom u jekk humiex riflessjoni ta` kif gara l-incident jew ta` dak in-nhar tal-incident?

Xhud: Itr-ritratti haddthom jiena.

Qorti: U meta haddthom?

Xhud: Wara l-accident u nikkonferma li l-karozza s-sewda hija tieghi.

Avu2: Issa ha tezebixxi ritratti ohrajn pero irrankonta l-Qorti liema karozza kont qed issuq minn fejn kont gej u kif gara l-incident?

Xhud: Jiena kont hiereg minn side street id-data ma nafiex hieerg minn side street Peter Dacoutros jisimha Santa Venera u kien hemm traffic relocked traffic u tlajt bilmod u kont tielgha kont wara l-karozzi u fiddaqqa u fil-hin hareg wiehed jigri u qabizli fuq il-karozza.

Qorti: Fejn kont wara l-incident?

Xhud: Canon street.

Qorti: Issa x`iktar? Qed tghidli li hareg xi hadd u qabizlek fuq il-karozza?

Avu2: Inti kif kont qed issuq b`liema speed kont qd issuq?

Xhud: Kont insuq verament bilmod.

Avu2: Kien hemm il-karozzi qiddiemek?

Xhud: Karozzi quddiemi u karozzi warajja.

Avu2: Igifieri serbut ta karozzi?

Xhud: Iva.

Avu2: U meta wasalt hdejn il-pedestrian crossing x`gara inti f`dak il-hin miexi bil-mod u x`gara?

Xhud: Kont miexi bilmod u f`daqqa wahda rajt rageljigri u jaqbizli fuq il-karozza.

Qorti: Fuq il-pedestrian crossing?

Xhud: Ma nafx.

Avu2: Kien fuq il-pedestrian crossing inti kont qbiztha crossing jew le?

Xhud: Kont qbiztha u waqaft mal-ewwel on impact waqaft u lanqas brake mark ma kien hemm ma l-art.

Avu2: Mela il-karozza tieghek,

Qorti: Ma jistax ikun waqaft wara l-pedestrian crossing sinjur ghax il-karozzi ma jieqfux zopptu.

Avu2: Mela kemm hallejt brakes mark ma l-art?

Xhud: Le.

Avu2: Xejn, mela l-karozza tieghek garrbet hsarat?

Xhdu: Le.

Avu2: L-airbag tieghek.

Qorti: Dottore speed ma kienx hemm zgur ghax kieku qeghdin kumpilazzjoni ghax qattlu dan pedestrian ma vettura u car ma kienx hemm speed m`hemmx ghalfejn it`s very obvious li ma kienx hemm speed.

Avu: Mela inti meta wasalt hdejn il-pedestrian crossing inti innutajt li kien hem xi hadd fuq il-pedestrian crossing?

Xhud: Le.

Avu2: U dar-ragel kien wieqaf hemmekk jew f`xi hin rajtu wieqaf qed ihares biex jara jekk hux se jfalli biex jaqsam it-triq?

Xhud: Gera u qabez.

Avu2: Igifieri inti rajtu qabad u gera minn quddiemek hu kellu xi basket ta xi delivery jew xi haga hekk?

Qorti: Dottore taghmilx domandi diretti please.

Avu2: Ghandek zewg ritratti hawnekk li juru il-konfigurazzjoni tat-triq?

Qorti: Dan nizzilthom int sinjur?

Xhud: Il-Perit tieghi.

Qorti: Allura ma tistax tezebihom jekk nizzilhom il-Perit.

Avu2: Is-sinjal taz-zebra crossing fejn qeghda u kemm li tindika iz-zebra crossing qeghda il-boghod?

Xhud: Tindika 50 meters mentri kienet 10 meters il-boghod mill-kantuniera.

Avu2: Issa iz-zebra crossing kien hemm karozza ipparkajta kemm quddiem u kemm warajh hux hekk kif hu muri fir-ritratt?

Xhud: Iva.

Qorti: Mela DOK JW JCD 335 kienet ipparkjata hemm fil-mument tal-incident?

Xhud: Iva kienet hemm fil-mument tal-incident.

Avu2: Xejn iktar domandi.

Qorti: Xi re Ezami?

Avu: Mela ara nghidx sew illi inti tokkupa l-kariga ta` direttur tas-socjeta tal-…. Exchange Ltd ukoll?

Xhud: Iva.

Avu: Mela l-owner tal-karozza min hu?

Xhud: Il-kumpanija.

Avu: Orajt u tal-kumpanija taqbel mieghi li inti direttur?

Xhud: Dak iz-zmien ma kontx issa iva jiena.

Avu: Ghall-kjarezza dik il-karozza ara nghidx sew illi inti kont qed issuq dak il-hin meta sar l-incident?

Xhud: Iva.

Avu: Issa inti xehdet illum fuq domanda tal-kollega illi il-karozza ma soffrietx hsara issa la darba il-karozza ma soffrietx hsara ghalfejn ipprezentajt ritratti illum stess illi jindikaw il-bonnet taghha u l-bumber ta` quddiem maghattan?

Xhud: Le le mhux maghttan ta ma fiehx daqqiet.

Avu: Mela sinjur jien hemmekk qed nara il-plate li bejn il-plate B u l-4 number plate huwa maghttan il-gewwa u b`linja dritta minn fejn hu maghttan hemm figura ta` persuna qisgha fit-trab li kien henn fuq il-bonnet tal-karozza tista tispjegali dawk minn fejn gew?

Xhud: Ifehm hu qabez fuq il-karozza hawn is-sinjal ta jdejh.

Avu: Allura taqbel mieghi li kien hemm impatt ta` gismu kollu ghat-tul mal-bonnet tal-karozza?

Xhud: Lele le hu qabez fuq il-karozza gifieri telgha fuqha.

Avu: Mqa taqbilx mieghi li saqajh habtet fejn hemm in-number plate?

Xhud: Lele le ma habtitx.

Avu: Issa nghid sew illi inti jew il-kumpanija tieghek jew l-assiguratur tieghek irrikorejt ghand avukat biex jibghat lis-sinjur li qed izommu responsabbli ghad-danni?

Avu: Inti insistejt illi l-karozza ma kelliex hsarat allura ghalfejn intbaghtet ittra legali tieghek jew tal-kumpanija tieghek lis-sinjur li fiha qed izomm responsabbli ta` danni fuq din il-vettura?

Xhud: M`ghandix amment

Avu: Nistghu jieqfu hawn sinjura.

PS 1222 Karl Vella Cassia xehed permezz ta' affidavit dwa l-involviment tieghu f'dan il-kas.

T-Tabib DR Ryan Camilleri xehed permezz ta' affidavit dwar l-involvimetn tieghu f'dan il-kas

**Ikkunsidrat**

Irrizulta mix-xhieda ta' Neil Grima, kif ukoll tal-istess imputat, u senjatament mir-ritratti ezebiti mill-imputat stess , Dok JW sa Dok JW 6 li Jeffrey Wismayer wera nuqqas ta' proper lookout meta kien fil-vicinanzi ta' Zebra Crossing, post maghmul sabiex jaqsmu n-nies u per konsegwenza laqghat lill-istess Neil Grima .Mir-rapport ta' Dr Mario Scerri DOK MS gie ikkonfermat li n-natura tal-griehi ta Neil Grima kienu ta' natura hafifa.

**Decide**

Ghaldaqstant issib lil Jeffrey Wismayer hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u tikkundannah ghal mitt ewro(100) multa.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**